Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2026
(OR. en)

16245/26

EF 306
ECOFIN 1515
DELACT 180
ECB

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 7883 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta'10.11.2026 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar it-trasparenza tal-marġni u l-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni mill-kontropartijiet ċentrali u dwar it-trasparenza tal-marġni u s-simulazzjonijiet tal-marġni mill-forniturijiet ta' servizzi tal-ikklerjar

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument C(2026) 7883 final.

Mehmuż: C(2026) 7883 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 10.11.2026
C(2026) 7883 final

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.11.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar it-trasparenza tal-marġni u l-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni mill-kontropartijiet ċentrali u dwar it-trasparenza tal-marġni u s-simulazzjonijiet tal-marġni mill-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT

Ir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024[1] ("EMIR 3"), li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012[2] ("EMIR"), daħal fis-seħħ fl-24 ta' Diċembru 2024.

L-EMIR 3 ifittex, fost affarijiet oħra, li jżid it-trasparenza fir-rigward tas-sejħiet għall-marġni u tal-mudelli tal-marġni mill-kontropartijiet ċentrali (CCPs) fil-konfront tal-membri tal-ikklerjar tagħhom, kif ukoll minn fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar (jiġifieri membri tal-ikklerjar u klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar) fil-konfront tal-klijenti tagħhom. L-objettiv huwa li jiġu żgurati viżibbiltà u prevedibbiltà aħjar tas-sejħiet għall-marġni għall-membri tal-ikklerjar, għall-klijenti u għall-klijenti indiretti, u b'hekk dawk l-entitajiet jiġu megħjuna jiżviluppaw aktar l-istrateġiji tagħhom għall-ġestjoni tal-likwidità. Ir-rekwiżiti jinvolvu l-għoti ta' informazzjoni, kif ukoll l-iżvilupp ta' għodda ta' simulazzjoni mis-CCPs u t-twettiq ta' simulazzjonijiet mill-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar.

F'konformità mal-Artikolu 38(10) tal-EMIR, kif introdott permezz tal-EMIR 3, l-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) għandha l-mandat li, fi żmien sena mid-dħul fis-seħħ tal-EMIR 3, tispeċifika aktar, fi standard tekniku regolatorju, l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta, kif ukoll ir-rekwiżiti fir-rigward tas-simulazzjonijiet u tal-għodda ta' simulazzjoni relatati mat-trasparenza tal-marġni.

L-ESMA ppreżentat ir-rapport finali tagħha lill-Kummissjoni fil-2 ta' Marzu 2026[3].

2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT

Fl-24 ta' Ġunju 2025, l-ESMA ppubblikat Dokument ta' Konsultazzjoni li kien jinkludi abbozz ta' standards tekniċi regolatorji. Il-konsultazzjoni ntemmet fit-8 ta' Settembru 2025.

Ir-rapport finali jippreżenta l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji (RTS) li jispeċifikaw aktar ir-rekwiżiti tal-għodda ta' simulazzjoni skont il-paragrafu 6, ir-rekwiżiti ta' simulazzjonijiet skont il-paragrafu 7 u r-rekwiżiti tal-informazzjoni skont il-paragrafi 7 u 8 tal-Artikolu 38 tal-EMIR. Ir-rapport finali u l-RTS li jakkumpanjawh iqisu r-rispons ipprovdut mill-korpi kkonsultati. B'mod partikolari, iqisu l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali fir-rigward tal-mudelli tal-marġni inizjali tas-CCPs, il-livell ta' dettall fir-rigward tax-xenarji inkorporati fl-għodda ta' simulazzjoni tas-CCPs u l-mod kif trid tiġi żgurata trasparenza simili bejn is-CCPs u l-membri tal-ikklerjar, minn naħa waħda, u bejn il-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar u l-klijenti, min-naħa l-oħra. Sabiex tindirizza dan it-tħassib, l-ESMA neħħiet ir-rekwiżit li d-dokumentazzjoni dwar il-mudell tas-CCP tkun komprensiva biżżejjed biex il-mudell ikun jista' jiġi replikat, kif ukoll ir-rekwiżit li s-CCPs jipprovdu s-sorsi tal-ipprezzar u tad-data. L-ESMA neħħiet ukoll ir-rekwiżit li jintużaw xenarji ta' stress tas-suq identifikati permezz tal-qafas tal-ittestjar tal-istress tas-CCP biex jiġi ddeterminat id-daqs tal-fond tal-inadempjenza. Minflok, ippreferiet żewġ xenarji storiċi komuni ta' stress tas-

---

1 Ir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni; ĠU L, 2024/2987, 4.12.2024.

2 Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet; ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1–59.

3 ESMA91-1505572268-4509_Final_Report_on_the_Draft_RTS_on_Margin_Transparency_requirements.pdf

suq (bħall-istress tas-suq esperjenzat b'konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19) flimkien ma' tliet xenarji ipotetiċi ta' stress tas-suq. Fl-aħħar nett, l-ESMA żammet approċċ ibbilanċjat biex tiżgura li l-klijenti jibbenefikaw biżżejjed mir-rekwiżiti ta' trasparenza fit-test tal-Livell 1.

F'konformità mal-Artikolu 38(10) tal-EMIR, l-abbozz tal-RTS tħejja f'konsultazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA) u mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali (SEBĊ). L-ESMA talbet parir mill-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq.

3. ELEMENTI LEGALI TAL-ATT DELEGAT

L-Att Delegat huwa bbażat fuq l-abbozz ta' proposta tal-ESMA.

- Il-Kapitolu I jkopri l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta minn CCP lill-membri tal-ikklerjar tagħha:
  - L-Artikolu 1 jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta dwar it-tfassil u l-funzjonament tal-mudell tal-marġni inizjali.
  - L-Artikolu 2 jispeċifika l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta dwar is-suppożizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-marġni inizjali.
  - L-Artikolu 3 jispeċifika li s-CCPs għandhom jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikoli 1 u 2 f'forma dokumentata u li l-informazzjoni għandha tinkiteb b'mod ċar u komprensiv.
- Il-Kapitolu II ikopri r-rekwiżiti tal-għodda ta' simulazzjoni tas-CCP:
  - L-Artikolu 4 jispeċifika r-rekwiżiti tal-output tal-għodda ta' simulazzjoni.
  - L-Artikolu 5 jispeċifika x-xenarji storiċi u ipotetiċi li għandhom jiġu inklużi fl-għodda ta' simulazzjoni.
- Il-Kapitolu III jkopri l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta mill-membri tal-ikklerjar u mill-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar tal-klijenti:
  - L-Artikolu 6 jistabbilixxi r-rekwiżit li l-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-klijenti tagħhom l-informazzjoni li jkunu rċevew dwar il-mudell tal-marġni inizjali tas-CCP.
  - L-Artikolu 7 jispeċifika l-informazzjoni li l-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar għandhom jipprovdu lill-klijenti tagħhom dwar il-prattiki tal-marġni tagħhom fil-konfront tal-klijenti tagħhom, kif ukoll ir-rekwiżiti tas-simulazzjoni li għandhom jipprovdu lill-klijenti tagħhom.
- Il-Kapitolu IV jkopri d-dispożizzjonijiet finali:
  - L-Artikolu 8 jispeċifika li l-att delegat għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, filwaqt li r-rekwiżiti dwar l-għodda ta' simulazzjoni u s-simulazzjonijiet għandhom japplikaw 12-il xahar wara.
- L-Anness jispeċifika r-rekwiżiti għax-xenarji ta' stress tas-suq għall-għodda tas-CCP għas-simulazzjoni tal-marġni.

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...

ta'10.11.2026

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw ir-rekwiżiti dwar it-trasparenza tal-marġni u l-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni mill-kontropartijiet ċentrali u dwar it-trasparenza tal-marġni u s-simulazzjonijiet tal-marġni mill-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet[4], u b'mod partikolari l-Artikolu 38(10), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 ġie emendat bir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[5]. Dawk l-emendi, fost l-oħrajn, saħħew id-dispożizzjonijiet dwar it-trasparenza tal-marġni mill-kontropartijiet ċentrali (CCPs) fil-konfront tal-membri tal-ikklerjar tagħhom u introduċew, fl-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, rekwiżiti ta' trasparenza tal-marġni għall-membri tal-ikklerjar li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u għall-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar ("fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar" jew "CSPs") fil-konfront tal-klijenti tagħhom.

(2) Jenħtieġ li l-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta minn CCP dwar it-tfassil u l-funzjonament tal-mudell tagħha tal-marġni inizjali tippermetti lill-membri tal-ikklerjar tas-CCP jiksbu fehim approfondit ta' kif jaħdem il-mudell tal-marġni, sabiex ikunu jistgħu jbassru aħjar l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-marġni fil-konfront tas-CCP. Għalhekk, jenħtieġ li tali informazzjoni tkopri l-elementi kollha tal-mudell tal-marġni inizjali. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-elementi tal-mudell tal-marġni inizjali jinftiehmu bħala l-marġni ewlieni u ż-żidiet fil-marġni kollha. Jenħtieġ li l-informazzjoni tkun ċara dwar it-tip ta' mudell użat għall-marġni ewlieni, inkluż mudell parametriku, simulazzjoni storika jew simulazzjoni Monte Carlo. Barra minn hekk, jenħtieġ li dik l-informazzjoni tinkludi dettalji dwar il-parametri tal-mudell, inkluż il-livell ta' kunfidenza, il-perjodu retrospettiv u l-orizzont taż-żmien għall-perjodu tal-likwidazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni tal-funzjonijiet tagħhom. Jenħtieġ ukoll li s-

[4] Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 1,. ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/648/oj).

[5] Ir-Regolament (UE) 2024/2987 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 648/2012, (UE) Nru 575/2013 u (UE) 2017/1131 fir-rigward ta' miżuri sabiex jittaffew l-iskoperturi eċċessivi għal kontropartijiet ċentrali ta' pajjiżi terzi u tittejjeb l-effiċjenza tas-swieq tal-ikklerjar tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2987, 4.12.2024, . ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2987/oj).

CCP tipprovdi deskrizzjoni dettaljata tal-mudell, inklużi l-passi loġiċi u l-ispeċifikazzjonijiet matematiċi u statistiċi. Jenħtieġ li l-informazzjoni tinkludi wkoll ir-riskju kopert minn kull element tal-mudell tal-marġni inizjali u, meta l-marġni ewlieni jkopri riskji oħra minbarra r-riskju tas-suq, jenħtieġ li l-informazzjoni tiċċara kif jitqiesu dawk ir-riskji addizzjonali. Fir-rigward taż-żidiet fil-marġni, jenħtieġ li l-informazzjoni tinkludi, fejn applikabbli, iż-żidiet fil-marġni li jkopru r-riskju tal-portafolli individwali, inklużi ż-żidiet għar-riskju tal-likwidità, għar-riskju ta' konċentrazzjoni u għar-riskju ta' korrelazzjoni mhux favorevoli; iż-żidiet fil-marġni li jkopru r-riskju tal-impatt aggregat tal-portafolli kollha tal-membru tal-ikklerjar, inkluża ż-żieda fil-marġni għall-konċentrazzjoni tal-fond tal-inadempjenza; iż-żidiet fil-marġni relatati mar-riskju individwali tal-membru tal-ikklerjar, inkluża ż-żieda fil-marġni għar-riskju tal-kreditu; u żidiet oħra fil-marġni, inklużi r-rekwiżiti tal-marġni relatati mar-riskju tal-mudell jew li jirriżultaw minn aġġustamenti diskrezzjonali tal-marġni. Barra minn hekk, jenħtieġ li s-CCP tipprovdi informazzjoni dwar l-arranġamenti operazzjonali relatati mas-sejħiet għall-marġni u dwar il-proċeduri ta' governanza relatati mar-rieżami tal-mudell tal-marġni inizjali mis-CCP.

(3) Sabiex il-membri tal-ikklerjar ikunu jistgħu jifhmu s-suppożizzjonijiet u l-limitazzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-marġni inizjali tas-CCP, jenħtieġ li s-CCP tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha deskrizzjoni tal-avvenimenti li jistgħu jwasslu għal ksur tas-suppożizzjonijiet, informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-impatt potenzjali fuq ir-rekwiżiti tal-marġni, kif ukoll informazzjoni dwar il-prestazzjoni tal-mudell u dwar kif il-mudell jaġixxi f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress, inklużi mill-inqas ir-riżultati tal-ittestjar retrospettiv. Jenħtieġ ukoll li s-CCP tipprovdi informazzjoni dwar il-proċessi li tuża biex timmonitorja regolarment u, fejn meħtieġ, tirrevedi l-livell tal-marġnijiet tagħha sabiex jirrifletti l-kundizzjonijiet attwali tas-suq, filwaqt li jitqiesu l-effetti potenzjalment proċikliċi ta' tali reviżjonijiet; informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet li fihom jista' jkun meħtieġ intervent li jipprevali fuq il-mudell tal-marġni inizjali, inkluż waqt avveniment ta' stress fis-suq; u informazzjoni dwar kif jiġu kkalkulati u mitluba sejħiet straordinarji għall-marġni fil-każ ta' intervent li jipprevali fuq il-mudell tal-marġni. F'dak il-kuntest, jenħtieġ li l-marġnijiet straordinarji jinftiehmu bħala l-marġnijiet addizzjonali msemmija fl-Artikolu 56 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013[6].

(4) Jenħtieġ li l-informazzjoni kollha dwar il-mudell tal-marġni inizjali tas-CCP u d-deskrizzjoni tax-xenarji tal-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni tas-CCP jiġu pprovduti mis-CCP lill-membri tal-ikklerjar tagħha f'forma dokumentata, li jenħtieġ li tkun miktuba b'mod ċar u komprensiv sabiex il-membri tal-ikklerjar ikunu jistgħu jiksbu fehim approfondit ta' kif jaħdem il-mudell tal-marġni, u li tinżamm aġġornata. Jenħtieġ ukoll li l-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdu dik l-informazzjoni lill-klijenti tagħhom.

(5) Fir-rigward tal-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni tas-CCP, sabiex membru tal-ikklerjar ikun jista' jiddistingwi bejn l-impatt fuq il-marġni inizjali fir-rigward tal-pożizzjonijiet eżistenti tiegħu u l-impatt fuq il-marġni inizjali fir-rigward ta' tranżazzjonijiet ġodda f'xenarju ipotetiku, jenħtieġ li l-ammont ipprovdut fl-għodda ta' simulazzjoni li jirreferi għall-marġni inizjali għall-pożizzjonijiet eżistenti jkun distint mill-ammont għat-tranżazzjonijiet ġodda. Jenħtieġ li l-għodda ta' simulazzjoni

[6] Ir-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2013/153/oj).

tinkludi l-marġni ewlieni u ż-żidiet fil-marġni relatati mal-portafoll li fir-rigward tiegħu jiġi kkalkulat il-marġni għat-tranżazzjonijiet il-ġodda, u li għalhekk ikunu meħtieġa b'mod sistematiku fil-konfront tal-membri tal-ikklerjar kollha, inkluża ż-żieda fil-marġni relatata mal-konċentrazzjoni tal-portafoll. Jenħtieġ li s-CCP, fl-għodda ta' simulazzjoni tagħha, telenka b'mod ċar it-tipi ta' riskju koperti minn kull ammont ipprovdut. Sabiex jiġi evitat kull dubju, jenħtieġ li l-ammont ta' kull żieda fil-marġni jiġi pprovdut separatament.

(6) Sabiex il-membri tal-ikklerjar ikunu jistgħu jistmaw u jipprevedu aħjar ir-rekwiżiti tal-marġni tagħhom, b'mod partikolari f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress, huwa meħtieġ li jiġu previsti għadd ta' xenarji li għandhom jiġu inklużi fl-għodod ta' simulazzjoni tal-marġni tas-CCPs. Għalhekk, minbarra x-xenarju tal-kundizzjonijiet attwali tas-suq, jenħtieġ li CCP tinkludi fl-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni tagħha tliet xenarji ipotetiċi u żewġ xenarji storiċi ta' stress fis-suq identifikati mis-CCP. Madankollu, sabiex jiġi żgurat livell minimu ta' komparabbiltà, jenħtieġ li d-disinn ta' dawk ix-xenarji jkun soġġett għal ċerti rekwiżiti, b'mod partikolari fir-rigward tal-impatt fuq il-mudell tal-marġni inizjali. Barra minn hekk, filwaqt li tirrikonoxxi l-eteroġeneità tas-CCPs, jenħtieġ li s-CCP tikkunsidra li tidentifika u tinkludi, fl-għodda ta' simulazzjoni tagħha, xenarji addizzjonali ta' stress fis-suq, filwaqt li tqis id-daqs, il-kumplessità, il-prattiki ta' ġestjoni tar-riskju u l-istruttura tas-sħubija tagħha, kif ukoll il-karatteristiċi tal-prodotti li tikklerja.

(7) Il-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar jistgħu jużaw metodoloġiji differenti sabiex jikkalkulaw il-marġnijiet mitluba mingħand il-klijenti tagħhom għal tranżazzjonijiet ikklerjati permezz ta' CCP. Xi fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar jużaw il-mudell tal-marġni tas-CCP mingħajr ma japplikaw marġnijiet addizzjonali. Xi fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar jużaw il-mudell tal-marġni tas-CCP u japplikaw marġnijiet addizzjonali, inkluż billi japplikaw multiplikaturi, koeffiċjenti jew żidiet fil-marġni tas-CSP sabiex iqisu r-riskju tal-kontroparti jew ir-riskju tal-kreditu, jew billi jikkalkulaw il-marġnijiet tal-klijenti fuq bażi individwali jew grossa meta mqabbla ma' kalkolu fuq bażi netta. Xi fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar ma jużawx il-mudell tal-marġni tas-CCP, peress li jużaw il-mudelli proprjetarji tagħhom stess. Għalhekk huwa meħtieġ li tali differenzi jitqiesu meta jiġu speċifikati r-rekwiżiti tat-trasparenza tal-marġni għall-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar, sabiex il-klijenti kollha jkunu jistgħu jibbenefikaw b'mod ugwali minn dawk ir-rekwiżiti u sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi fil-fehim mill-klijenti tal-ħtiġijiet ta' likwidità u fit-tħejjija tagħhom għal sejħiet potenzjali futuri għall-marġni, irrispettivament mill-metodoloġija użata mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar tagħhom. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rekwiżiti tat-trasparenza tal-marġni għall-fornituri ta' servizzi tal-ikklerjar huwa limitat għat-tranżazzjonijiet tal-klijenti kklerjati permezz ta' CCP.

(8) Sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jifhmu l-arranġamenti operazzjonali fir-rigward tal-marġnijiet, jenħtieġ li s-CSPs kollha jkunu meħtieġa jipprovdu lill-klijenti tagħhom informazzjoni dwar l-arranġamenti operazzjonali għall-ġbir ta' kwalunkwe rekwiżit tal-marġni, inklużi l-iskadenzi biex jiġu ssodisfati s-sejħiet għall-marġni, il-ħinijiet ta' skadenza għad-depożitu tal-kollateral, l-iskeda għall-ġbir tal-kollateral, il-limiti li jistgħu jiskattaw sejħiet għall-marġni, fejn applikabbli, il-limiti tal-iskopertura, fejn applikabbli, u għar-restituzzjoni tal-kollateral eċċessiv.

(9) Jenħtieġ li fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdi lill-klijenti tiegħu simulazzjonijiet tal-marġni li jkunu rilevanti għal dawk il-klijenti. Ir-rilevanza ta' dawk is-simulazzjonijiet tiddependi mill-mudell tal-marġni applikat minn fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar meta jikkalkula l-marġnijiet li l-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar

ikun se jitlob mingħand klijent. F'dan ir-rigward, fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jista' juża l-mudell tal-marġni tas-CCP u ma jitlob l-ebda marġni addizzjonali, juża l-mudell tal-marġni tas-CCP u jitlob marġnijiet addizzjonali mingħand klijent, jew juża mudell tal-marġni differenti minn dak użat mis-CCP.

(10) Jenħtieġ li fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar li juża l-mudell tal-marġni tas-CCP u li ma jitlob l-ebda marġni addizzjonali jipprovdi lill-klijent tiegħu simulazzjonijiet tal-marġni li jindikaw l-ammont tal-marġni inizjali meħtieġ għal kull CCP.

(11) Jenħtieġ li fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar li juża l-mudell tal-marġni tas-CCP u li jitlob marġnijiet addizzjonali mingħand klijent jipprovdi lill-klijent informazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni għal dawk id-devjazzjonijiet u l-kobor tagħhom, sabiex dak il-klijent ikun jista' jifhem kif il-marġnijiet meħtieġa mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar tiegħu jkunu differenti mill-marġnijiet meħtieġa mis-CCP. Jenħtieġ ukoll li dak il-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdi lill-klijent tiegħu informazzjoni dwar ir-riskji koperti minn kull tip ta' marġni addizzjonali u deskrizzjoni dettaljata ta' kif jiġi kkalkulat tali riskju, inkluż f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress; u dwar il-proċeduri għar-rieżami tal-kalkolu tar-rekwiżiti tal-marġni addizzjonali, flimkien mal-perjodu ta' avviż applikabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak il-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdi lill-klijent tiegħu simulazzjonijiet tal-marġni li jiddistingwu, għal kull CCP, bejn l-ammont tal-marġni inizjali meħtieġ bl-użu tal-mudell tal-marġni tas-CCP u kwalunkwe ammont ta' marġni addizzjonali meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar, u bejn l-ammonti għal kull tip ta' marġni addizzjonali meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar, sabiex il-klijent ikun jista' jidentifika faċilment id-devjazzjonijiet u d-differenzi bejn il-marġni mitlub mis-CCP u l-marġni impost mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar.

(12) Jenħtieġ li fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar li juża mudell tal-marġni differenti minn dak użat mis-CCP jipprovdi lill-klijent tiegħu, li għalih japplika l-mudell tal-marġni tal-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar, informazzjoni dwar il-ġustifikazzjoni għad-devjazzjonijiet fil-marġni u l-kobor tagħhom, sabiex dak il-klijent ikun jista' jifhem kif il-marġnijiet meħtieġa mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar tiegħu jkunu differenti mill-marġnijiet meħtieġa mis-CCP. Jenħtieġ ukoll li dak il-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdi lill-klijent tiegħu informazzjoni dwar l-elementi ewlenin tad-disinn u l-limitazzjonijiet tal-mudell tiegħu, inkluża informazzjoni dwar ir-riskju kopert minn kull element tal-mudell tal-marġni (jiġifieri l-marġni ewlieni u kwalunkwe żieda fil-marġni) u dwar kif jiġi kkalkulat dak ir-riskju, inkluż f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress; it-tip ta' mudell użat għall-marġni ewlieni; il-parametri tal-mudell, bħall-intervall ta' kunfidenza, il-perjodi retrospettivi u l-orizzont taż-żmien għall-perjodu retrospettiv, b'deskrizzjoni tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom; u l-proċeduri għar-rieżami tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-marġni, bil-perjodu ta' avviż applikabbli. Barra minn hekk, jenħtieġ li dak il-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdi lill-klijent tiegħu simulazzjonijiet tal-marġni li jiddistingwu bejn l-ammonti tal-marġni inizjali meħtieġa għal kull CCP bl-użu tal-mudell tal-marġni tas-CCP u l-ammont meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar, u bejn l-ammont tal-marġni ewlieni u l-ammonti għal kull waħda miż-żidiet fil-marġni tal-mudell użat mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar. Sabiex jiġi evitat kull dubju, jenħtieġ li l-ammont ta' kull żieda fil-marġni jiġi pprovdut separatament.

(13) Sabiex jitnaqqas il-piż amministrattiv, huwa meħtieġ ukoll li tiġi stabbilita l-frekwenza li biha l-forniturі kollha ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdu lill-klijenti tagħhom l-informazzjoni dwar il-marġni u s-simulazzjonijiet tal-marġni. Għalhekk, jenħtieġ li fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdi lill-klijent l-informazzjoni rispettiva dwar il-

marġni meta l-klijent jiġi onboarded u meta jkun hemm bidliet sostanzjali f'dik l-informazzjoni. Barra minn hekk, jenħtieġ li fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jipprovdi simulazzjonijiet tal-marġni lill-klijent meta l-klijent jiġi onboarded u, barra minn hekk, fuq talba tal-klijent.

(14) Sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jistmaw u jipprevedu aħjar ir-rekwiżiti tal-marġni tagħhom, b'mod partikolari f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress, huwa meħtieġ li jiġi previst għadd ta' xenarji li għandhom jiġu inklużi fis-simulazzjonijiet tal-marġni tal-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar. Għalhekk, minbarra x-xenarju tal-kundizzjonijiet attwali tas-suq, jenħtieġ li l-forniturі kollha ta' servizzi tal-ikklerjar jinkludu fis-simulazzjonijiet tal-marġni tagħhom mill-inqas tliet xenarji ipotetiċi u żewġ xenarji storiċi ta' stress tas-suq. F'dan ir-rigward, jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar ma jkunux meħtieġa jadattaw ix-xenarji għas-sitwazzjoni individwali ta' kull klijent u jistgħu, minflok, jużaw l-istess xenarji bħal dawk użati mis-CCP fl-għodda ta' simulazzjoni tal-marġni tagħha. Madankollu, jenħtieġ li s-simulazzjonijiet tal-marġni li għandhom jiġu pprovduti mill-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar ma jinftiehmux bħala għodod interattivi ta' simulazzjoni, billi tali rekwiżit ikun sproporzjonat. Minflok, il-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar huma mistennija jipprovdu lill-klijenti tagħhom mill-inqas id-diversi ammonti ta' marġni li jkunu meħtieġa mingħand il-klijenti fix-xenarji differenti.

(15) Jenħtieġ li s-CCPs jingħataw biżżejjed żmien biex jagħmlu l-bidliet meħtieġa fl-għodod ta' simulazzjoni eżistenti tagħhom sabiex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda applikabbli għal dawk l-għodod. Bl-istess mod, jenħtieġ li l-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar jingħataw ukoll biżżejjed żmien biex jimplimentaw ir-rekwiżiti relatati mas-simulazzjonijiet li huma meħtieġa jipprovdu lill-klijenti tagħhom. Għalhekk, jenħtieġ li d-data ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet korrispondenti ta' dan ir-Regolament tiġi differita.

(16) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA).

(17) L-ESMA żviluppat l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji f'konsultazzjoni mal-Awtorità Bankarja Ewropea u mas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali. L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7],

[7] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq), li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA MINN CCP LILL-MEMBRI TAL-IKKLERJAR TAGĦHA

Artikolu 1
It-tfassil u l-funzjonament tal-mudell tal-marġni inizjali

CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha informazzjoni dwar it-tfassil u l-funzjonament tal-mudell tal-marġni inizjali tagħha. Dik l-informazzjoni għandha tkopri l-elementi kollha tal-mudell tal-marġni inizjali, inkluż dan kollu li ġej:

(a) ir-riskju li kull element tal-mudell tal-marġni inizjali jkopri;

(b) it-tip ta' mudell użat għall-marġni ewlieni;

(c) il-metodoloġija għall-kalkolu tal-marġnijiet, inklużi l-passi loġiċi u l-ispeċifikazzjonijiet matematiċi u statistiċi;

(d) il-parametri tal-mudell, inklużi l-intervall ta' kunfidenza, il-perjodi retrospettivi u l-orizzont taż-żmien għall-perjodu ta' likwidazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom;

(e) l-arranġamenti operazzjonali għall-ġbir ta' kwalunkwe marġni, inklużi l-iskadenzi biex jiġu ssodisfati s-sejħiet għall-marġni, il-ħinijiet ta' skadenza għad-depożitu tal-kollateral, l-iskeda għall-ġbir tal-kollateral, il-livelli limiti li jistgħu jwasslu għal sejħiet għall-marġni, fejn applikabbli, il-limiti tal-iskopertura, fejn applikabbli, u l-arranġamenti operazzjonali għar-restituzzjoni tal-kollateral eċċessiv;

(f) il-proċeduri ta' governanza relatati mar-rieżami tal-mudell tal-marġni inizjali tas-CCP, l-involviment tal-membri tal-ikklerjar fil-proċess ta' governanza u l-perjodu ta' avviż applikabbli.

Artikolu 2
Limitazzjonijiet u suppożizzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-marġni inizjali

1. CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha lista tas-limitazzjonijiet u tas-suppożizzjonijiet ewlenin tal-mudell tal-marġni inizjali, inkluża deskrizzjoni tal-avvenimenti li jistgħu jwasslu għal ksur tas-suppożizzjonijiet u informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar l-impatt potenzjali fuq ir-rekwiżiti tal-marġni.

2. CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha b'informazzjoni kwalitattiva u kwantitattiva dwar il-prestazzjoni tal-mudell tal-marġni inizjali tagħha u dwar l-imġiba ta' dak il-mudell matul kundizzjonijiet tas-suq taħt stress. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi r-riżultati tal-ittestjar retrospettiv, kif previst f'konformità mal-Artikolu 49(5) tar-Regolament Delegat (UE) Nru 153/2013.

3. Minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2, CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha b'informazzjoni dwar dan kollu li ġej:

(a) il-proċessi għall-monitoraġġ u r-reviżjoni tal-livell tal-marġni tagħha sabiex jirrifletti l-kundizzjonijiet attwali tas-suq;

(b) il-kundizzjonijiet li fihom jista' jkun meħtieġ intervent li jipprevali fuq il-mudell tal-marġni inizjali, inkluż matul avveniment ta' stress tas-suq;

(c) kif jiġu kkalkolati u mitluba l-marġnijiet straordinarji f'konformità mal-Artikolu 56 tar-Regolament Delegat (UE) Nru 153/2013.

Artikolu 3
Informazzjoni dwar il-mudell

CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha, f'forma dokumentata, l-informazzjoni kollha msemmija fl-Artikoli 1 u 2 u fl-Artikolu 5(3) ta' dan ir-Regolament. Dik l-informazzjoni għandu jkollha l-karatteristiċi li ġejjin:

(a) tkun miktuba b'mod ċar u komprensiv;

(b) tippermetti lill-membru tal-ikklerjar jikseb fehim fil-fond ta' kif jaħdem il-mudell tal-marġni;

(c) l-informazzjoni tkun aġġornata.

KAPITOLU II
GĦODDA TA' SIMULAZZJONI TAS-CCP

Artikolu 4
Output tal-għodda ta' simulazzjoni

1. L-għodda ta' simulazzjoni pprovduta minn CCP lill-membri tal-ikklerjar tagħha għandha tindika ammont għall-marġni ewlieni u ammont għal kull waħda miż-żidiet fil-marġni relatati mal-portafoll, u telenka b'mod ċar it-tip ta' riskji koperti minn kull ammont.

2. L-output tal-għodda ta' simulazzjoni għandu jkun disponibbli għal tranżazzjonijiet addizzjonali f'portafolli eżistenti jew ipotetiċi tal-membru tal-ikklerjar bl-użu tal-għodda. L-output tal-għodda ta' simulazzjoni għandu jiddistingwi bejn l-ammont tar-rekwiżit tal-marġni inizjali għat-tranżazzjonijiet eżistenti li jkunu diġà kklerjati mill-membru tal-ikklerjar u l-ammont tal-marġni inizjali addizzjonali meħtieġ mis-CCP mal-ikklerjar ta' tranżazzjonijiet ġodda.

Artikolu 5
Xenarji tal-għodda ta' simulazzjoni

1. L-għodda ta' simulazzjoni pprovduta minn CCP għandha tippermetti lill-membri tal-ikklerjar tagħha jistmaw ir-rekwiżiti tal-marġni inizjali tagħhom għal kull wieħed mix-xenarji li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet attwali tas-suq, abbażi tal-inputs użati mill-mudell tal-marġni inizjali għall-aktar sejħa reċenti għall-marġni inizjali fi tmiem il-jum;

(b) tliet xenarji ipotetiċi u żewġ xenarji storiċi ta' stress tas-suq identifikati mis-CCP, li jissodisfaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness.

2. Is-CCP tista' tidentifika u tinkludi, fl-għodda ta' simulazzjoni tagħha, xenarji addizzjonali ta' stress tas-suq, filwaqt li tqis dan kollu li ġej:

(a) id-daqs tas-CCP;

(b) il-kumplessità tas-CCP;

(c) il-prattiki tal-immaniġġjar tar-riskju tas-CCP;

(d) l-istruttura tas-sħubija tas-CCP;

(e) il-karatteristiċi tal-prodotti li s-CCP twettaq l-ikklerjar tagħhom.

3. Is-CCP għandha tipprovdi lill-membri tal-ikklerjar tagħha deskrizzjoni ċara tax-xenarji msemmija fil-paragrafi 1 u 2.

KAPITOLU III
INFORMAZZJONI LI GĦANDHA TIĠI PPROVDUTA MILL-MEMBRI TAL-IKKLERJAR U MILL-KLIJENTI LI JIPPROVDU SERVIZZI TAL-IKKLERJAR TAL-KLIJENTI

Artikolu 6
Il-mudell tal-marġni inizjali tas-CCP

1. Il-membri tal-ikklerjar li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar u l-klijenti li jipprovdu servizzi tal-ikklerjar (flimkien imsejħa "forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar") għandhom iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-klijenti tagħhom l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 mingħajr alterazzjoni jew ommissjoni.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, il-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar ma għandhomx ikunu meħtieġa jqiegħdu għad-dispożizzjoni l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 meta tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) is-CCP tkun għamlet dik l-informazzjoni pubblika u tkun infurmat lill-klijent bid-disponibbiltà ta' dik l-informazzjoni u dwar kif jista' jaċċessaha;

(b) is-CCP tipprovdi dik l-informazzjoni lill-klijenti direttament.

3. Is-CCPs ma għandhomx jipprevjenu lill-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar milli jipprovdu l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 3 lill-klijenti tagħhom.

Artikolu 7
Informazzjoni u simulazzjonijiet tal-marġni tal-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar

1. Il-forniturі ta' servizzi tal-ikklerjar għandhom jipprovdu lill-klijenti tagħhom informazzjoni dwar is-sitwazzjonijiet u l-kundizzjonijiet li jistgħu jwasslu għal sejħiet għall-marġni u dwar il-proċeduri biex jiġi stabbilit l-ammont ta' marġni li għandu jiġi ddepożitat mill-klijenti. Dik l-informazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha dwar l-arranġamenti operazzjonali għar-restituzzjoni tal-kollateral eċċessiv u għall-ġbir tal-marġnijiet u dwar il-mudell tal-marġni użat mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar kif stabbilit fil-paragrafi 2 sa 5.

2. Fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar għandu jipprovdi lill-klijenti tiegħu informazzjoni dwar l-arranġamenti operazzjonali għar-restituzzjoni tal-kollateral eċċessiv u għall-ġbir ta' kwalunkwe marġni, inkluż dan kollu li ġej:

(a) l-iskadenzi biex jiġu ssodisfati s-sejħiet għall-marġni;

(b) il-ħinijiet ta' skadenza għad-depożitu tal-kollateral;

(c) l-iskeda għall-ġbir tal-kollateral;

(d) il-livelli limiti li jistgħu jwasslu għal sejħiet għall-marġni, fejn applikabbli;

(e) il-limiti tal-iskopertura, fejn applikabbli.

3. Meta fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar juża l-mudell tal-marġni tas-CCP u ma jirrikjedi l-ebda marġni addizzjonali mingħand il-klijenti tiegħu, il-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar għandu, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jipprovdi lill-klijenti simulazzjonijiet tal-marġni, għax-xenarji msemmija fil-paragrafu 8, li jindikaw l-ammont tal-marġni inizjali meħtieġ għal kull CCP.

4. Meta fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar juża l-mudell tal-marġni tas-CCP u jirrikjedi marġni addizzjonali mingħand il-klijenti tiegħu, il-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar għandu, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jipprovdi lill-klijenti dan li ġej:

(a) informazzjoni dwar ir-riskju kopert minn kull tip ta' marġni addizzjonali u deskrizzjoni dettaljata ta' kif jiġi kkalkolat tali riskju, inkluż matul kundizzjonijiet tas-suq taħt stress;

(b) informazzjoni dwar il-proċeduri għar-rieżami tal-kalkolu tal-marġni addizzjonali meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar u l-perjodu ta' avviż applikabbli;

(c) informazzjoni fir-rigward tar-raġunijiet għad-devjazzjonijiet fil-marġni, u tal-kobor tagħhom, applikati mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar lill-klijenti tiegħu meta mqabbla mal-marġni tas-CCP;

(d) simulazzjonijiet tal-marġni, għax-xenarji msemmija fil-paragrafu 8, li jiddistingwu b'mod ċar, għal kull CCP:

(i) l-ammont tal-marġni inizjali meħtieġ bl-użu tal-mudell tal-marġni tas-CCP u l-ammont tal-marġni addizzjonali meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar fir-rigward tal-portafoll li fih ikun qed jiġi kkalkolat il-marġni għat-tranżazzjonijiet;

(ii) l-ammonti għal kull tip ta' marġni addizzjonali meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar.

5. Meta fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar juża mudell tal-marġni differenti minn dak użat mis-CCP, il-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar għandu, minbarra l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, jipprovdi lill-klijenti tiegħu li għalihom japplika l-mudell tal-marġni tal-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar dan kollu li ġej:

(a) informazzjoni dwar l-elementi ewlenin tat-tfassil u l-limitazzjonijiet tal-mudell tal-marġni, inkluż dan kollu li ġej:

(i) ir-riskju kopert minn kull element tal-mudell tal-marġni u deskrizzjoni dettaljata ta' kif jiġi kkalkolat tali riskju, inkluż f'kundizzjonijiet tas-suq taħt stress;

(ii) it-tip ta' mudell użat għall-marġni ewlieni;

(iii) il-parametri tal-mudell, inklużi l-intervall ta' kunfidenza, il-perjodi retrospettivi u l-orizzont taż-żmien għall-perjodu ta' likwidazzjoni, flimkien ma' deskrizzjoni tal-funzjonijiet rispettivi tagħhom;

(iv) il-proċeduri għar-rieżami tal-metodoloġija għall-kalkolu tal-marġnijiet u l-perjodu ta' avviż applikabbli;

(b) informazzjoni fir-rigward tar-raġunijiet għad-devjazzjonijiet fil-marġni, u tal-kobor tagħhom, applikati mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar lill-klijenti tiegħu meta mqabbla mal-marġni tas-CCP;

(c) simulazzjonijiet tal-marġni, għax-xenarji msemmija fil-paragrafu 8, li jiddistingwu b'mod ċar:

(i) bejn l-ammonti tal-marġni inizjali meħtieġa għal kull CCP bl-użu tal-mudell tal-marġni tas-CCP u l-ammont tal-marġni meħtieġ mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar fir-rigward tal-portafoll li fih ikun qed jiġi kkalkolat il-marġni għat-tranżazzjonijiet;

(ii) bejn l-ammont tal-marġni ewlieni u l-ammonti għal kull waħda miż-żidiet fil-marġni tal-mudell użat mill-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar fir-rigward tal-portafoll li fih ikun qed jiġi kkalkolat il-marġni għat-tranżazzjonijiet.

6. Fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar għandu jipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 u, fejn rilevanti, fil-paragrafi 4 u 5, mill-inqas meta:

(a) il-klijent ikun onboarded;

(b) hemm bidliet sostanzjali fl-informazzjoni.

7. Fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar għandu jipprovdi s-simulazzjoni tal-marġni msemmija fil-paragrafu 3, fil-paragrafu 4, il-punt (d), u fil-paragrafu 5, il-punt (c), sa fejn dik is-simulazzjoni tkun rilevanti għall-klijenti tiegħu, mill-inqas:

(a) meta l-klijent ikun onboarded;

(b) fuq talba tal-klijent.

8. Fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar għandu jipprovdi s-simulazzjoni tal-marġni msemmija fil-paragrafu 3, fil-paragrafu 4, il-punt (d), u fil-paragrafu 5, il-punt (c), sa fejn dik l-informazzjoni tkun rilevanti għall-klijenti tiegħu, għal kull wieħed mix-xenarji li ġejjin:

(a) il-kundizzjonijiet attwali tas-suq, abbażi tal-inputs użati mill-mudell tal-marġni inizjali għall-aktar sejħa reċenti għall-marġni inizjali fi tmiem il-jum;

(b) tliet xenarji ipotetiċi u żewġ xenarji storiċi ta' stress tas-suq.

Il-fornitur ta' servizzi tal-ikklerjar jista' juża x-xenarji tal-għodda ta' simulazzjoni tas-CCP imsemmija fl-Artikolu 5.

KAPITOLU IV
DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

Artikolu 8
Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Artikoli 4 u 5, l-Artikolu 7(3), l-Artikolu 7(4), il-punt (d), l-Artikolu 7(5), il-punt (c), u l-Artikolu 7(7) u (8) għandhom japplikaw minn ... [PO please insert a date = the date of entry into force of this Regulation plus 12 months].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10.11.2026

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN